**JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002**
Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 4** | **STORJA TA' MALTA** | **ĦIN: Siegħa u nofs**

**ISEM:** ___________________ **KLASSI:** ____

1. Għid xi jfissru. Agħżel biss ħamsa u għid xi jfissru.

1. Kostituzzjoni ____________________
2. Bażi Navali ____________________
3. Gvernatur ____________________
4. Tarzna ____________________
5. Ekonomija ta' Fortizza ____________________
6. Kolonja ____________________
7. Victoria Lines ____________________

(5 x 2= 10)

2. Qabbel il-kliem tal-Kolonna A mal-kliem tal-Kolonna B billi tqiegħed numru ħdejn il-Kolonna B. In-numru wieħed qiegħed jingħata bħala eżempju.

| | A | B | |
|---|---|---|---|
| 1. | Sir Thomas Maitland | Proġetti ta' l-ilma | |
| 2. | Kan. Pawlu Pullicino | Politiku | |
| 3. | Osbert Chadwick | Direttur ta' l-Iskejjel | |
| 4. | Fortunato Mizzi | Gvernatur | **1** |
| 5. | Patrick Keenan | Rapport dwar l-iskejjel | |
| 6. | Filippo Sciberras | Assemblea Nazzjonali | |

(5 x 1= 5)

3. Poġġi dawn l-avvenimenti wara xulxin. In-numru wieħed qiegħed jingħata bħala eżempju.

| | |
|---|---|
| Malta Repubblika | |
| It-Tieni Gwerra Dinjija | |
| Malta Stat Indipendenti | |
| Il-Liġi ta' l-Edukazzjoni Obbligatorja (1946) | |
| Il-Gwerra tal-Krimea | **1** |
| Il-Malti bħala Lingwa Uffiċjali | |

(5 x 1= 5)

4. Wieġeb dawn id-domandi

1. X'kien l-effett tal-ftuħ tal-Kanal tas-Suez fuq Malta?

_______________________________________________ (2)

2. Għaliex kien hawn nuqqas kbir ta' djar f'Malta wara t-Tieni Gwerra Dinjija?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. Liema postijiet kienu popolari mal-Maltin għall-Emigrazzjoni fis-Seklu XIX?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. X'nifhmu meta ngħidu li Malta kienet importanti minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħha? _______________________________

_______________________________________________ (2)

(4 x 2= 8)

5.




1. Hemm differenzi kbar fix-xogħol tar-raba', bejn illum u dari. Semmi waħda minnhom.

_______________________________________________ (2)

2. Semmi problema marbuta max-xogħol tar-raba' fis-seklu XIX?

_______________________________________________ (2)

3. Diversi bdiewa kellhom jabbandunaw ix-xogħol tar-raba'. X'taħseb li għamlu? _______________________________________

_______________________________________________ (2)

4. F'liema parti ta' Malta, il-Gvern ħa ħsieb iġib 'il quddiem ix-xogħol tar-raba' fis-seklu XIX?

_________________________________ (2)

5. Liema tnejn minn dawn il-postijiet f'Malta għandhom rabta partikulari mal-biedja. Bormla – Birgu – Siġġiewi – Msida – Rabat. ______________ (2)

6. Liema prodott tar-raba' jiġi esportat lejn l-Olanda? ______________ (1)

(11-il marka)

6. Ħares lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.



1. X'tip ta' ilbies għandu fuqu dan ir-raġel? ____________________ (1)

   X'kien ix-xogħol tiegħu? ________

   ____________________________ (1)

2. Ma' liema marda partikulari nassoċjaw l-annimal li jidher fl-istampa? __________________ (2)

   Għaliex? __________________ (2)

3. Min kien it-tabib Malti li skopra kif il-poplu kien qed jieħu din il-marda?

   ____________________________ (2)

   X'issuġerixxa li l-poplu jagħmel biex ma jimradx b'din il-marda?

   ____________________________

   ____________________________

   ____________________________ (2)

4. Minnbarra l-marda diġa msemmija minnek, kien hemm mard u epidemiji oħra fil-Gżejjer Maltin fis-seklu XIX u XX. Semmi tlieta minnhom

   ________________ (1) ________________ (1) ________________ (1)

5. Agħti żewġ raġunijiet għaliex kien hawn ħafna epidemiji u mard fostna fis-seklu XIX u XX?

   ____________________________________________________________ (1)

   ____________________________________________________________ (1)

6. X'miżuri ttieħdu fis-seklu XIX u XX li permezz tagħhom naqsu sewwa l-epidemiji u l-mard?

   ____________________________________________________________ (2)

   ____________________________________________________________ (2)

7. Fl-antik fejn kien jiġi iżolat min kien ikollu xi mard li jittieħed?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ (1)

8. Semmi żewġ sptarijiet li għandna f'Malta llum.

   ____________________________ (1) ____________________________ (1)

(22 marka)

7. Aqra dan il-paragrafu sewwa u wieġeb id-domandi kollha.

Wara l-gwerra (1919) numru ta' politiċi waqqfu l-Assembleja Nazzjonali li għamlet talba għal aktar awtonomija. F'dak iż-żmien mhux biss il-qagħda

ekonomika kienet ħażina, iżda l-istudenti bdew jipprotestaw kontra tibdil fil-lawrja mogħtija mill-Universita'. It-tensjoni kompliet tiżdied sakemm fis-7 ta' Ġunju 1919 faqqa' rvell fil-Belt Valletta, u li fih saret ħsara konsiderevoli lill-propjeta. Issejħu s-suldati fil-belt u ġew sparati xi tiri. Tliet Maltin mietu mmedjatament. L-inkwiet kompla l-għada meta ieħor safa ferut u miet wara.

(Adattata minn B Blouet *The Story of Malta pg. 193*)

1. Liema avveniment traġiku fl-Istorja ta' Malta jissemma f'dan il-paragrafu?

   ______________________________________________ (1)

   Semmi żewġ cirkustanzi li wasslu għal dan l-avveniment

   ______________________________________________ (2)

   ______________________________________________ (2)

2. Liema kostituzzjoni kellha Malta f'dak iż-żmien ____________________

   ____________________________________ (2) Għaliex il-Maltin ma kienux kuntenti biha? __________________________________

   ____________________________ (2). X'għamlu il-politiċi Maltin biex juru li ma kienux kuntenti biha? ___________________________

   ______________________________________________ (2)

3. Semmi l-aktar effett ikrah li ħalla l-avveniment indikat minnek fid-domanda 7.1 ___________________________________________ (2)

   Semmi l-effett tajjeb marbut ma l-istess avveniment _______________

   ______________________________________________ (2)

4. Dr. Filippo Sciberras u Lord Plumer kienu żewġ persuni li kienu msemmija ħafna f'Malta bejn is-snin 1919 – 1921. Għid għaliex

   ______________________________________________ (2)

   ______________________________________________ (2)

(19-il marka)

8. Ikteb komponiment fuq waħda minn dawn li ġejjin.

1. Għid għaliex kien hawn it-tgergir fostna dwar il-ħakma Ingliża sa l-1849. Liema drittijiet politiċi u kostituzzjonali ngħataw lill-poplu Malti sa dak iż-żmien?
2. L-iżvilupp kostituzzjonali li sar f'Malta mill-1921 sa llum
3. Spjega kif l-Ingliżi saħħew id-difiża ta' Malta matul is-seklu XIX
4. X'inhu dak li jagħmilna Maltin?
5. Spjega it-titjib li sar fil-mezzi tat-trasport jew fil-qasam ta' l-Edukazzjoni mill-1850 'il quddiem?

(20 marka)